**15 ta' Ottubru, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin) (Manch) D.P.A. (Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Peter Campbell

**Rikors ta' l-Appell – Nullità – Nuqqas ta' Fatti fil-Qosor**

*Il-fatti fil-qosor għandhom ikunu miġburin f'paragrafu ad hoc biex mir-rikors u mingħajr in-neċessità ta' riferenza għall-atti tal-proċess, ikunu jinftehmu għall-aħjar żvilupp tar-rikors.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tal-11 ta' Jannar, 1990, fl-ismijiet il-Pulizija premessi;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell;

*Omissis;*

Rat fl-udjenza tas-26 ta' Marzu, 1990, għall-Avukat Ġenerali kienet prospettata l-eċċezzjoni għan-nullità għar-rikors ta' l-appell stante lil ma hemmx il-fatti fil-qosor;

Semgħet it-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat illi veru li kif kien sottomess quddiemha, il-fatti jekk tfittixhom fil-proċess għandhom jinstabu; Iżda dan mhux dak li l-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti stabbiliet li r-rikors ta' l-appell irid ikun fih, taħt pieni ta' nullità kif rikjest mill-art. 49 (1)(a) "Il-fatti fil-Qosor". Il-fatti fil-qosor għandhom ikunu miġburin f'paragrafu *ad hoc* biex mir-rikors u mingħajr in-neċessità ta' riferenza għall-atti tal-proċess, ikunu jiftehmu għall-aħjar żvilupp tar-rikors; dan, ir-rikors ta' l-appell ma fihx. Konsegwentement jiġi li tapplika għal dan ir-rikors il-piena tan-nullità kommenata mill-art. 419 tal-Kodiċi Kriminali, u l-Qorti tiddikjara li l-Appell huwa irritu u null u konsegwentement għandha tastjeni milli tieħu konjuzzjoni ulterjuri tar-rikors ta' l-appell.